



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A7-0253/2014**

25.3.2014

# RAPPORT

dwar l-emenda tal-Artikolu 90 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament dwar il-ftehimiet internazzjonali  
(2013/2259(REG))

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

Rapporteur: David Martin

**WERREJ**

	<b>Paġna</b>
PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
NOTA SPJEGATTIVA .....	5
ANNEX – ITTRA TAT-22 TA' JANNAR 2014 TAS-SUR KLAUS-HEINER LEHNE, PRESIDENT TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI, LIS-SUR CARLO CASINI PRESIDENT TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET KOSTITUZZJONALI.....	8
SEJĦA TAL-ISMIJET GĦALL-VOTAZZJONI FINALI.....	12
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	13

## PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-emenda tal-Artikolu 90 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament dwar il-ftehimiet internazzjonali  
(2013/2259(REG))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-ittri tad-29 ta' Jannar 2013 tal-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-31 ta' Frar 2013 tal-President tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali lill-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 211 u 212 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0253/2014),
1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;
  2. Jirrimarka li dawn l-emendi jidħlu fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tas-sessjoni parzjali li jmiss;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

### Emenda 1

#### Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 90 – paragrafu 4

*Test fis-seħħ*

4. Fi kwalunkwe stadju tan-negozjati, il-Parlament jista', fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli, u wara li jqis kwalunkwe proposta rilevanti imqiegħda fuq il-Mejda **skond** l-Artikolu 121, jadotta rakkomandazzjonijiet u jitlob li dawn jitqiesu qabel tiġi konkluzja ***l-ftehimia internazzjonali kkonċernata***.

*Emenda*

4. Fi kwalunkwe stadju tan-negozjati ***u minn tmiem in-negozjati sal-konklużjoni tal-ftehimia***, il-Parlament jista', fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli, u wara li jqis kwalunkwe proposta rilevanti imqiegħda fuq il-Mejda ***skont*** l-Artikolu 121, jadotta rakkomandazzjonijiet u jitlob li dawn jitqiesu qabel tiġi konkluzja ***dik il-ftehimia***.

## Emenda 2

### Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 90 – paragrafu 5

*Test fis-seħħ*

**5. Meta jitlestew in-negozjati, imma qabel ma tiġi ffirmata kwalunkwe ftehim, l-abbozz tal-ftehim għandu jittressaq quddiem il-Parlament biex tingħata opinjoni jew l-approvazzjoni. Għall-proċedura ta' approvazzjoni għandu japplika l-Artikolu 81.**

*Emenda*

**5. Talbiet mill-Kunsill għal approvazzjoni jew opinjoni tal-Parlament għandhom jittressqu mill-President quddiem il-kumitat responsabbli għal konsiderazzjoni skont l-Artikolu 81 jew l-Artikolu 43(1).**

## Emenda 3

### Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 90 – paragrafu 6

*Test fis-seħħ*

6. Qabel ma ssir il-votazzjoni **dwar l-approvazzjoni**, il-kumitat responsabbli jew grupp politiku jew mhux inqas minn wieħed minn kull għaxar Membri, jistgħu jipproponu li l-Parlament jitlob opinjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar il-kompatibilità ta' ftehim internazzjonali mat-Trattati. Jekk il-Parlament japprova proposta ta' dan it-tip, il-votazzjoni **dwar l-approvazzjoni** għandha tiġi ddiferita sakemm il-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha<sup>15</sup>.

*Emenda*

6. Qabel ma ssir il-votazzjoni, il-kumitat responsabbli jew grupp politiku jew mhux inqas minn wieħed minn kull għaxar Membri, jistgħu jipproponu li l-Parlament jitlob opinjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea dwar il-kompatibilità ta' ftehim internazzjonali mat-Trattati. Jekk il-Parlament japprova proposta ta' dan it-tip, il-votazzjoni għandha tiġi ddiferita sakemm il-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha<sup>15</sup>.

---

<sup>15</sup> Ara wkoll l-interpretazzjoni tal-Artikolu 128.

---

<sup>15</sup> Ara wkoll l-interpretazzjoni tal-Artikolu 128.

## NOTA SPJEGATTIVA

### **Opinjoniġiet fil-kuntest tal-iskrutinju tal-ftehimiet internazzjonali (l-Artikolu 90(4), Emenda 1)**

B'ittra tad-29.1.2013, is-Sur Brok, il-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, ġibed l-attenzjoni għall-fatt li r-Regoli ta' Proċedura attwalment ma jippermettux lil kumitati oħrajn jagħtu opinjoni dwar rizzoluzzjonijiet fir-rigward ta' ftehimiet internazzjonali minkejja li ż-żieda fin-numru ta' ftehimiet komprensivi ma' komponenti tal-kummerċ importanti tagħmilha indispensabbli li l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jkun jista' jikkontribwixxi fit-tiswir tal-pożizzjoni tal-Parlament. Huwa rrimarka li l-Artikolu 110(2), stqarrijiet mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Kunsill Ewropew, ma jipprovdi tali opportunità fir-rigward ta' mozzjonijiet għal rizzoluzzjoni mressqa minn kumitat, grupp politiku jew minn tal-anqas 40 Membru li għalihom kumitati oħra ma jistgħux jagħtu opinjoni. L-Artikolu 90(4), ftehimiet internazzjonali, lanqas ma jkun adattat għall-iskop deskritt peress li jirreferi għal 'negozjati' li jkunu għaddejjin, li jfisser li wara l-konklużjoni tan-negozjati rapport ibbażat fuq din id-dispożizzjoni ma jkunx aktar ammissibbli. L-Artikolu 81(3), dwar proċedura ta' approvazzjoni, finalment ma jistax ikun applikat peress li jista' jintuża biss meta jkun hemm 'proposta' mill-Kunsill u mhux meta jkun previst ftehim internazzjonali. Għalhekk, jitlob biex tiġi kkunsidrata modifika għall-Artikolu 110(2) biex kumitati oħrajn ikunu jistgħu jesprimu opinjoni.

Wara li eżamina l-każ, il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali wasal għall-konklużjoni li l-għan li jippermetti opinjoniġiet fil-kuntest tal-iskrutinju tal-ftehimiet internazzjonali tal-Parlament jista' jintlaħaq b'modifika sempliċi għall-Artikolu 90(4) kif stipulat fl-emenda 1. Permezz tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għat-tul kollu tan-negozjati u tal-proċedura sħiħa mill-bidu tan-negozjati (qabel ma jibdeu in-negozjati japplika l-Artikolu 90(1 sa 3)) sal-konklużjoni tal-ftehim, il-Parlament jista' jintervjeni f'kull waqt biex jiċċara l-pożizzjoni tiegħu fid-dawl tal-approvazzjoni li huwa meħtieġ jagħti. Fl-istess waqt kumitati oħrajn jistgħu jiġu assoċjati bħala kumitat li jagħti l-opinjoni jew kumitat assoċjat fil-forom imsaħħa tal-Artikoli 50 jew 51. Qed jiġi propost li l-Artikolu 110(2) ma jinbidilx.

### **Il-mument tal-approvazzjoni tal-Parlament għal ftehimiet internazzjonali, l-applikazzjoni provviżorja tagħhom u r-ratifika mill-Istati Membri (l-Artikolu 218(5 u 6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), Emenda 2)**

B'ittra tat-13.2.2013, is-Sur Moreira, President tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, talab lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (l-AFCO) jeżami l-Artikolu 90(5), ftehimiet internazzjonali, fir-rigward tal-kompatibbiltà tiegħu mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dan l-Artikolu attwalment jistabbilixxi li "meta jitlestew in-negozjati, imma qabel ma jiġi ffirmat kwalunkwe ftehim, l-abbozz tal-ftehim għandu jitressaq quddiem il-Parlament biex jagħti l-opinjoni jew l-approvazzjoni tiegħu". Billi l-Artikolu 218(6) tat-TFUE jistipula li "il-Kunsill, fuq proposta min-negozjaturi, għandu jadotta deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim...wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew fil-każijiet li ġejjin: ...". Għadaqstant, it-Trattat ma jobbligax lill-Kunsill b'mod ċar biex jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament qabel ma dan jawtorizza lill-Kummissjoni tiffirma f'isem l-Unjoni.

Is-Sur Moreira rrimarka wkoll li kien hemm każijiet fejn dispożizzjonijiet fi ftehimiet kummerċjali ġew applikati b'mod provviżorju qabel ġew mgħoddija uffiċjali lill-Parlament għall-approvazzjoni. Il-kwistjoni hawn hi jekk dan huwiex legalment korrett jew jekk il-Kunsill għandux jistenna lill-Parlament japprova l-ftehim.

Fl-aħħar, is-Sur Moreira, b'referenza għall-ittra tas-Sur Brok tad-29.1.2013, ġibed l-attenzjoni għall-fatt li hemm każijiet fejn ftehimiet li jkunu se jiġu konklużi fl-istess żmien bejn partijiet terzi u l-Unjoni fuq naħa l-waħda u bejn partijiet terzi u l-Istati Membri fuq in-naħa l-oħra ("ftehimiet imħallta") jiġu ffirmati iżda l-Kunsill jiddeċiedi li ma jressaqhomx lill-Parlament għall-approvazzjoni sakemm il-proċess ta' ratifika fl-Istati Membri jkun kważi lest. Hawn ukoll titqajjem il-mistoqsija jekk dan il-mod ta' proċediment huwiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

Il-Kumitat talab is-servizzi legali għal opinjoni<sup>1</sup>.

Fir-rigward tal-ewwel kwistjoni, **l-approvazzjoni** tal-ftehimiet internazzjonali, l-opinjoni tas-servizzi legali waslet għall-konklużjoni li l-Artikolu 218(6) tat-TFUE ma jobbligax legalment lill-Kunsill biex jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament qabel ma jawtorizza l-iffirmar tal-ftehim. Dan minħabba li prinċipalment l-Artikolu 218 tat-TFUE jistabbilixxi proċedura f'żewġ stadji distinti, l-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehim, li jfisser li l-Kunsill jista' jiddeċiedi li jiffirma b'mod indipendentement mid-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet u mingħajr ma jgħid rabta bejn it-tnejn.

Fir-rigward tat-tieni kwistjoni, **applikazzjoni provviżorja** tal-ftehimiet, l-opinjoni tiddeđu li l-Kunsill jista' jawtorizza l-applikazzjoni provviżorja ta' ftehim f'kull waqt wara li n-negozjatur ikun ippropona li jagħmel dan. L-Artikolu 218 tat-TFUE ma jobbligax lill-Kunsill jieħu din id-deċiżjoni unikament wara li l-Parlament ikun ta l-approvazzjoni tiegħu dwar il-konklużjoni tal-ftehim. Dan ma jżommx lill-Parlament milli jiddikkjara fi kwalunkwe stadju tal-proċedura permezz ta' dikjarazzjoni politika f'forma ta' rakkomandazzjonijiet adottati skont l-Artikolu 90(4) kif emendat bl-emenda 1, li l-applikazzjoni provviżorja mhijiex xierqa għaliex il-Parlament għadu mhux ċert jagħtix l-approvazzjoni tiegħu jew hemm il-possibbiltà li jirrifjuta l-ftehim. Indipendentement minn dan, l-Artikolu 91 ifakkar l-obbligi speċjali li l-Kummissjoni għandha fl-ambitu tat-Trattati f'termini ta' informazzjoni (l-Artikolu 218(10) tat-TFUE) u li dawn żdiedu aktar bil-Ftehim Qafas, b'mod speċjali l-obbligu li "tgħarraf lill-Parlament malajr kemm jista' jkun meta tkun biħsiebha tipproponi lill-Kunsill l-applikazzjoni provviżorja (= tal-ftehim) tagħha u r-raġunijiet għal dan, għajr jekk il-Kummissjoni ma tkunx tista' tagħmel dan minħabba raġunijiet ta' urġenza" (il-punt 23 u l-Anness 3 il-punt 7.). Fid-dawl ta' dawn l-obbligi, l-Artikolu 91 jistabbilixxi proċedura speċjali fi plenarja.

Fir-rigward tat-tielet kwistjoni, il-mument tal-iffirmar ta' **ftehim imħallat**, l-opinjoni tqis li l-Kunsill jista' jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament qabel jew fl-istess waqt meta l-ftehim jiġi mressaq quddiem l-Istati Membri għar-ratifika f'konformità mal-proċeduri interni rilevanti. Il-Kunsill jista' wkoll jistenna sakemm dawn il-proċeduri jintemmu fi Stat Membru, f'diversi Stati Membri jew fl-Istati Membri kollha kkonċernati. Dan minħabba l-fatt li l-proċeduri li jwasslu għall-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali mill-Unjoni fuq in-naħa l-waħda u l-Istati

---

<sup>1</sup> SJ-0431/13 tat-8/8/2013

Membri fuq in-naħa l-oħra huma indipendenti minn xulxin. Il-mument meta l-Kunsill jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament għaldaqstant jista' jiġi deċiż abbażi ta' kunsiderazzjonijiet politiċi.

Il-Kumitat eżamina l-opinjoni ġuridika u qabel mal-konklużjonijiet tagħha. L-opinjoni tqis li l-ewwel konklużjoni turi li huwa indispensabbli li ssir modifika għall-Artikolu 90(5), kif indikat fl-Emenda 2, għaliex, skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament ma jistgħux jagħtuh saħħa li mhijiex rikonoxxuta b'mod ċar minn miżura leġislattiva jew minn dritt primarju<sup>1</sup> sabiex il-Parlament ma jkunx f'pożizzjoni li jobbliga lill-Kunsill permezz tar-Regoli Interni tiegħu biex jimxi skont Prattiki li mhumiex stabbilit fl-Artikolu 218 tat-TFUE.

Fir-rigward tat-tieni u t-tielet kwistjoni l-Kumitat kien tal-opinioni li la modifika u lanqas interpretazzjoni formali tal-Artikolu 90 ma huma meħtieġa għax il-konklużjonijiet rispettivi jirriżultaw bejn wieħed u ieħor mill-kunsiderazzjonijiet li jikkonċernaw il-mument tal-iffirmar. Fiż-żewġ każijiet, kif issemma qabel, l-Artikolu 90(4) kif emendat bl-emenda 1, jagħti lill-Parlament, tul il-proċedura sal-konklużjoni tal-ftehim, il-possibbiltà li jesprimi l-opinjoni tiegħu fil-forma ta' rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq rapport mill-kumitat responsabbli.

### **L-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja (l-Artikolu 90(6), Emenda 3)**

Mill-kunsiderazzjoni tal-Artikolu 90 wara li dan ġie mitlub mill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jidher li l-Artikolu 90(6) jeħtieġ li jiġi kkoreġut. Din id-dispożizzjoni fil-fatt tillimita l-possibbiltà li l-Parlament ifittex opinjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà ta' ftehim internazzjonali mat-Trattati, għal ftehimiet li jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Parlament li b'hekk jeskludu ftehimiet li jeħtieġu biss opinjoni. Id-dispożizzjoni tat-Trattat li tistabbilixxi d-dritt li l-Parlament, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Istati Membri, jitolbu l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 218(11) tat-TFUE, madankollu ma fihix din ir-restrizzjoni. L-iskop tad-dispożizzjoni tat-Trattat li tevita li ftehimiet internazzjonali tal-Unjoni jkunu f'kunflitt mad-dritt primarju tal-Unjoni, lanqas ma jiġġustifika din ir-restrizzjoni.

---

<sup>1</sup> Ara pereżempju s-Sentenza tas-17 ta' Jannar 2013 fil-każijiet konġunti T-346/11 u T-347/11, Bruno Gollnisch.

**ANNEX – ITTRA TAT-22 TA' JANNAR 2014 TAS-SUR KLAUS-HEINER LEHNE,  
PRESIDENT TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET LEGALI, LIS-SUR CARLO  
CASINI PRESIDENT TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET KOSTITUZZJONALI**

Suġġett: **Opinjoni dwar l-emenda tal-Artikolu 90(5) tar-Regoli ta' Proċedura**

Sur President,

Permezz ta' ittra tas-27 ta' Novembru 2013<sup>1</sup>, il-President tal-Kumitat għall-Affarijjet Kostituzzjonali ppropona li l-Kumitat għall-Affarijjet Legali għandu jagħti opinjoni dwar l-emenda tal-Artikolu 90(5) tar-Regoli ta' Proċedura (RtP). Fid-dawl tal-limitu taż-żmien, din l-opinjoni qed tingħata f'forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Affarijjet Legali kkunsidra din il-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Jannar u adotta l-opinjoni li ġejja b'mod unanimu bi 22 vot favur<sup>2</sup>.

**I. L-emenda tat-test attwali tal-Artikolu 90(5) RtP**

L-idea ta' emenda tal-Artikolu 90(5) tar-RtP tmur lura għal ittra tat-13 ta' Frar 2013 mill-President tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali lill-President tal-Affarijjet Kostituzzjonali<sup>3</sup>, peress li l-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali nnota diskrepanza bejn it-test fl-Artikolu 90(5) u l-Artikolu 218(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-Artikolu 90(5) tar-RtP, li huwa parti mid-dispożizzjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali, jaqra kif ġej:

5. Meta jitlestew in-negozjati, imma qabel ma tiġi ffirmata kwalunkwe ftehim, l-abbozz tal-ftehim għandu jitressaq quddiem il-Parlament biex tingħata opinjoni jew l-approvazzjoni. Għall-proċedura ta' approvazzjoni għandu japplika l-Artikolu 81.

L-Artikolu 218(5) tat-TFUE jaqra kif ġej:

5. Il-Kunsill, fuq proposta min-negozjatur, għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar tal-ftehim u, jekk meħtieġ, l-applikazzjoni provviżorja tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ.

---

<sup>1</sup> D(2013)59655.

<sup>2</sup> Il-Membri li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni: Raffaele Baldassarre, Sebastian Valentin Bodu, Françoise Castex, Christian Engström, Marielle Gallo, Giuseppe Gargani, Lidia Joanna Geringer de Oedenberg, Sajjad Karim, Klaus-Heiner Lehne, Eva Lichtenberger, Antonio López-Istúriz White, Antonio Masip Hidalgo, Alajos Mészáros, Angelika Niebler, Bernhard Rapkay, Evelyn Regner, Francesco Enrico Speroni, Rebecca Taylor, Alexandra Thein, Axel Voss, Cecilia Wikström, Tadeusz Zwiefka

<sup>3</sup> D(2013)5817.



Dan il-paragrafu ma jirreferix għall-involviment tal-Parlament Ewropew. Il-paragrafu 6, li jikkonċerna d-deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim, madankollu, jirreferi għall-approvazzjoni jew il-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew.

Peress li r-Regoli ta' Proċedura huma suġġetti għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat<sup>1</sup>, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali għalhekk jipproponi li d-dispożizzjoni ċentrali tal-Artikolu 90(5) għandha tbiddel il-kliem kif ġej sabiex issir konformi mat-Trattati:

5. Meta jitlestew in-negozjati, l-abbozz ta' **deċiżjoni** li jtemm il-ftehim għandu jitressaq quddiem il-Parlament biex tingħata opinjoni jew l-approvazzjoni. Għall-proċedura ta' approvazzjoni għandu japplika l-Artikolu 81.

## **II. Żgurar ta' skrutinju parlamentari ta' ftehimiet internazzjonali f'każijiet ta' applikazzjoni provviżorja u ftehimiet imħallta**

Madankollu, l-għoti ta' approvazzjoni (jew konsultazzjoni) parlamentari frabta mal-ftehimiet internazzjonali huwa aktar kumpless. Kif innutat mill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, anke jekk jittieħed bħala fatt li approvazzjoni (jew konsultazzjoni) parlamentari ssir meta l-ftehim tiġi konkluża, jiġifieri wara l-istadju tal-iffirmar, jinħolqu problemi ta' leġittimità demokratika f'żewġ sitwazzjonijiet (li jistgħu jqumu wkoll b'mod simultanju):

1. meta ftehim internazzjonali tiġi ffirmata u mogħtija applikazzjoni provviżorja skont l-Artikolu 218(5), imma l-Parlament ma jkunx intalab jagħti approvazzjoni (jew konsultazzjoni) fi żmien raġonevoli;

2. meta ftehim internazzjonali hija ftehim mħallta, jiġifieri trid tiġi ffirmata kemm mill-Unjoni Ewropea kif ukoll mill-Istati Membri għaliex tkopri partijiet kemm ta' kompetenza esterna esklussiva tal-Unjoni Ewropea u kompetenza tal-Istati Membri, kif ukoll meta l-Parlament mhux mitlub jagħti approvazzjoni (jew konsultazzjoni) sakemm il-maġġoranza tal-Istati Membri jew kollha kemm huma jkunu inkludew il-proċeduri ta' ratifika interni.

Fl-ewwel każ, hemm problema leġittima demokratika peress li l-ftehim internazzjonali qed tiġi applikata b'mod provviżorju għal perjodu twil ta' żmien mingħajr approvazzjoni parlamentari. Fit-tieni każ, il-problema hija li l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew qed tingħata inqas importanza, peress li l-istituzzjonijiet nazzjonali jkunu diġà esprimew lilhom infushom. Din hija problema partikulari peress li ftehimiet imħallta ġeneralment b'mod primarju jkopru kwistjonijiet fejn l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza esterna esklużiva, u f'miżura limitata biss ikopru kwistjonijiet fejn l-Istati Membri għandhom kompetenza residwa.

### **a) Applikazzjoni provviżorja**

---

<sup>1</sup> Il-Qorti tal-Ġustizzja, Sentenza tal-21 ta' Ottubru 2008, *Alfonso Luigi Marra vs Eduardo De Gregorio u Antonio Clemente*, Kawżi Konġunti C-200/07 u C-201/07, punt 39.

Il-Kumitat jixtieq, f'dan ir-rigward, jiġbed l-attenzjoni għall-Artikolu 25(2) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar id-Dritt tat-Trattati tat-23 ta' Mejju 1969<sup>1</sup>, li jgħid:

2. Sakemm it-trattat ma jipprevedix mod ieħor jew l-Istati li qed jinneogzjaw ma jkunux qablu mod ieħor, l-applikazzjoni provviżorja ta' trattat jew parti minn trattat fir-rigward ta' Stat għandha tintemm jekk dak l-Istat jinnnotifika lill-Istati l-oħrajn li bejniethom qed jiġi applikat provviżorjament it-trattat li hu m'għandux il-ħsieb li jissieħeb fit-trattat.

Fl-ambitu tal-Artikolu 218(5) u (6) tat-TFUE, il-Kunsill fil-fatt jista' jiddeċiedi biex b'mod provviżorju japplika ftehim internazzjonali qabel il-Parlament ikun ta l-approvazzjoni tiegħu. Madankollu, meta jinqara f'konnessjoni mal-Artikolu 25(2) tal-Konvenzjoni ta' Vjenna, isir ċar li applikazzjoni provviżorja ma tistax tkompli wara li l-Parlament Ewropew ikun oġġezzjona għal ftehim internazzjonali peress li, fid-dritt internazzjonali, dik l-oġġezzjoni trid titqies bħala turija tal-intenzjoni tal-Unjoni Ewropea biex ma tisseħibx f'dik il-ftehim<sup>2</sup>.

Għalhekk ikun għaqli, sabiex ikun protett ir-rwol tal-Parlament fil-proċedimenti, li tiddaħħal dispożizzjoni fl-Artikolu 90 li tiżgura li l-Parlament jieħu pożizzjoni dwar kull ftehim internazzjonali li tiġi applikata b'mod provviżorju, imma li ma tkunx tressqet quddiemu għal approvazzjoni (jew konsultazzjoni) wara perjodu ta' żmien. Kemm għandu jkun twil dak il-perjodu huwa miftuħ għal dibattitu, imma dan il-kumitat jissuġġerixxi li sena tista' tkun żmien xierqa.

Paragrafu ġdid fl-Artikolu 90 li jimplementa dan jista' jkun jaqra kif ġej:

***Meta, sena wara li l-Kunsill ikun ħa deċiżjoni skont l-Artikolu 218(5) tat-TFUE biex jiffirma u japplika ftehim internazzjonali b'mod provviżorju, il-Parlament ma jkunx intalab l-approvazzjoni jew ġie kkonsultat mill-Kunsill skont l-Artikolu 218(6) tat-TFUE, il-Parlament għandu, b'mozzjoni tiegħu stess, jiddikkjara l-pożizzjoni tiegħu dwar il-ftehim msemija abbażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli.***

Din is-soluzzjoni jkollha l-mertu li ttejjem l-applikazzjoni provviżorja ta' ftehimiet li l-Parlament ma jkollux l-intenzjoni li japprova, u tiskoraġġixxi dewmien biex il-Parlament ikun involut.

## **b) Ftehimiet imħallta**

Sabiex tiġi salvagwardata l-pożizzjoni tal-Parlament fil-każ ta' ftehimiet imħallta wkoll, u filwaqt li jitqies li, fil-maġġoranza tal-każijiet, ftehimiet imħallta jindirizzaw materji li primarjament ikopru l-kompetenza tal-Unjoni Ewropea u meta l-Istati Membri jkollhom biss kompetenza residwa, dispożizzjoni simili tista' tiddaħħal ukoll biex tkopri każijiet bħal dawn. Dispożizzjoni bħal din ikollha l-vantaġġ li tiżgura li l-Parlament Ewropew ma jkunx 'l-aħħar wieħed' li japprova ftehimiet internazzjonali mħallta.

<sup>1</sup> In-Nazzjonijiet Uniti, il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar id-Dritt tat-Trattati tat-23 ta' Mejju 1969, in-Nazzjonijiet Uniti, Sensiela tat-Trattati, Vol 1155, p 331.

<sup>2</sup> Kif ġara fil-każ ta' ACTA (Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, l-Awstralja, il-Kanada, il-Ġappun, ir-Repubblika tal-Korea, l-Istati Uniti tal-Messiku, ir-Renju tal-Marokk, New Zealand, ir-Repubblika ta' Singapor, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Istati Uniti).

Paragrafu ġdid fl-Artikolu 90 li jimplimenta dan jista' jkun jaqra kif ġej:

***Meta, sena wara li l-Kunsill ikun ħa deċiżjoni skont l-Artikolu 218(5) tat-TFUE biex jiffirma ftehim internazzjonali li l-Istati Membri jkunu msieħba fiha wkoll, il-Parlament ma jkunx intalab l-approvazzjoni jew ġie kkonsultat mill-Kunsill skont l-Artikolu 218(6) tat-TFUE, il-Parlament għandu, b'mozzjoni tiegħu stess, jiddikkjara l-pożizzjoni tiegħu dwar il-ftehim msemija abbażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli.***

Din is-soluzzjoni jkollha l-mertu li tħeġġeġ lill-Kunsill jinvolvi lill-Parlament fi stadju aktar bikri fil-proċedimenti, kif għandu jkun xieraq f'bosta mill-każijiet ta' ftehimiet imħallta.

\*\*\*

Nispera li din l-opinjoni, u b'mod partikulari s-suġġerimenti għall-modifika tar-Regoli ta' Proċedura, ikunu ta' għajnuna għall-kumitat tagħkom meta jikkunsidra l-kwistjoni ta' emenda possibbli tal-Artikolu 90(5).

Dejjem tiegħek,

Is-Sur Klaus-Heiner Lehne

## SEJĦA TAL-ISMIJIET GĦALL-VOTAZZJONI FINALI

<b>Membri favur : 23</b>	<b>ALDE</b> : Andrew Duff, Stanimir Ilchev, Anneli Jäätteenmäki <b>ECR</b> : Ashley Fox, Daniel Hannan <b>GUE/NGL</b> : Helmut Scholz <b>PPE</b> : Zdravka Bušić, Carlo Casini, Marietta Giannakou, Constance Le Grip, Andrej Plenković, Tadeusz Ross, Algirdas Saudargas, György Schöpflin, Rainer Wieland <b>S&amp;D</b> : Marino Baldini, Roberto Gualtieri, Enrique Guerrero Salom, David Martín, Sandra Petrović Jakovina, Luis Yáñez-Barnuevo García <b>Verts/ALE</b> : Gerald Häfner, Indrek Tarand
<b>Membri kontra : 1</b>	<b>EFD</b> : Morten Messerschmidt
<b>Membri li astjenew : 1</b>	<b>NI</b> : Andrew Henry William Brons

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	18.3.2014
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 23 -: 1 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Andrew Henry William Brons, Zdravka Bušić, Carlo Casini, Andrew Duff, Ashley Fox, Roberto Gualtieri, Enrique Guerrero Salom, Gerald Häfner, Daniel Hannan, Stanimir Ilchev, Constance Le Grip, David Martin, Morten Messerschmidt, Sandra Petrović Jakovina, Tadeusz Ross, Algirdas Saudargas, Indrek Tarand, Luis Yáñez-Barnuevo García
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marino Baldini, Marietta Giannakou, Anneli Jäätteenmäki, Andrej Plenković, Helmut Scholz, György Schöpflin, Rainer Wieland